MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 875/2006

Ivan Vassallo (Id. 141067M) f'ismu proprio u
ghan-nom tad-ditta Thomas Vassallo Antiques.

Vs

Emmanuel Camilleri (Id. 873749M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont bilancjali rimanenti ta' seba mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm749), rapprezentanti xiri ta' ghamara antika varja, liema ghamara antika giet ikkonsenjata lilu u dan kif jidher mill-annessi *invoices*. Illi l-konvenut gie interpellat ihallas skond l-ittra interpellatorja ta' Lulju 2006. Bl-ispejjes u bl-imghax legali minn Lulju 2006 inkluz l-ispejjes tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 2612/2006. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi huwa kien qieghed jikkontesta t-talba kif dedotta kontra tieghu ghaliex l-oggetti li kien xtara minghand l-attur ma kienux antiki u kien ilu jghid lill-attur biex jehodhom lura sa minn Lulju tal-2004.

Sema x-xhieda tal-attur Ivan Vassallo.

Sema x-xhieda tal-konvenut Emmanuel Camilleri.

Ra r-rikors tal-konvenut tad-19 ta’ Novembru 2007.

Ra d-Digriet tieghu tal-20 ta’ Novembru 2007.

Ra r-risposta tal-attur tat-3 ta’ Dicembru 2007.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Emanuel Camilleri fejn ecepixxa illi l-*causa* li fuqha huwa bbazat dan l-avviz hija wahda illecita u dan stante illi l-konvenut qatt ma inghata *invoice* jew ircevuta fiskali ta’ l-affarijiet indikati fl-avviz u konsegwentement l-obbligazzjoni ma ghandha ebda effett, u dan in linea ma l-Artikolu 987 tal-Kap. 16.

Ra n-nota tal-konvenut tas-7 ta’ Dicembru 2007.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Frar 2008, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri kif sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi din hija sentenza in parte fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri kif sollevata mill-konvenut fejn qieghed jecepixxi:- ‘illi l-*causa* li fuqha huwa bbazat dan l-avviz hija wahda illecita u dan stante illi l-konvenut qatt ma inghata *invoice* jew ircevuta fiskali ta’ l-affarijiet indikati fl-avviz u konsegwentement l-obbligazzjoni ma ghandha ebda effett, u dan in linea ma l-Artikolu 987 tal-Kap. 16.’

Illi l-istess Arikolu 987 tal-Kap. 16 jiddisponi hekk kif gej:-

'*L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett.*'

Illi l-Artikolu 990 tal-Kap. 16, mbaghad jiddisponi hekk:-

*'Il-kawza hija illecita meta hija pprojbita mill-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.*'

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell ppresjeduta mill-Imhallef Philip Sciberras, fis-sentenza moghtija minnha tas-16 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet 'Joseph Farrugia vs Peter Paul Attard': *'…hu dottrinalment accettat illi l-'causa' tal-obbligazzjoni hi l-iskop persegwit mill-kontraenti. Skond it-teorija oggettiva din il-'causa' hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-socjali tan-negozju intervenut bejn il-kontraenti. Hi ghalhekk diretta li tiehu qies tal-interessi kollha konkreti li l-operazzjoni, objettivament, hi mahsuba li tirrealizza. Jinkombi ghalhekk fuq il-gudikant li jidentifika d-dixxiplina regolatrici tan-negozju u jipprocedi ghall-valutazzjoni 'in concreto' tal-kawza, qua element essenzjali tan-negozju. Fi kliem iehor ghandu jiddetermina jekk il-'causa', oggett tal-valutazzjoni, tikkonformax ruhha mal-ligi, inter alia, l-licejeta' taghha*.'

Illi permezz tal-eccezzjoni in ezami, huwa car illi l-konvenut qieghed jittanta jehles mill-obbligu tieghu tal-hlas tas-somma mitluba mill-attur billi jgib fid-dubbju l-illecejita' tal-kawza tan-negozju li sar bejn il-partijiet.

Illi pero, dan it-Tribunal bl-ebda mod ma jirnexxilu jara xi haga illecitu fil-kawza tan-negozju per se. Il-konvenut sempliciment xtara ghamara antika minghand l-attur, li issa qed jezigi l-hlas tal-istess, u anki jekk dan il-bejgh kien soggett ghall-hlas tal-VAT, xorta wahda jibqa li l-ftehim milhuq fir-rigward tal-bejgh tal-oggetti in kwistjoni bl-ebda mod ma jista' jigi kwalifikat bhala xi wiehed illecitu, kontra l-morali jew kontra l-ordni pubbliku, kif tezigi l-ligi fl-Artikolu 990 fuq kwotat.

Oltre dan, it-Tribunal josserva illi l-konvenut lanqas seta jippretendi (kif donnu qieghed jaghmel fl-eccezzjoni in

ezami) li jinghata rcevuta fiskali, ghaliex proprju ghadu ma sarx il-hlas, u ghalhekk sewwa jghid l-attur fis-sottmissjonijiet tieghu illi se mai, l-ircevuta fiskali tinhareg gjaladarba jsir il-hlas.

Fl-ahharnett, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq imsemmija:- '*jekk il-konvenut kien jaf illi l-prezz kwotat lilu, u li hu accetta, ma kienx jinkludi l-VAT…..mhux gust li 'ex post facto' r-rejalizazzjoni tax-xogholijiet jippretendi li ghandu jivvantaggja ruhu bit-turpitudini tieghu stess biex jirrezisti l-hlas minghandu reklamat. Kif rilevat, 'id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'kawza illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra l-ezekuzzjoni ta' tali obbigazzjoni' – 'Antonio Cassar noe vs Boris Arcidiacono', Appell, 5 ta' Ottubru 1998.*' It-Tribunal jidhirlu li dan l-argument huwa applikabbli ghall-kaz odjern, u b'hekk jaderixxu ruhhu kompletament ma l-istess.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra tieghu, u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------